MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 298/2005/1

**Indoor Creations Limited**

**vs**

**Roger Degaetano kif ukoll martu Gillian Degaetano ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' April, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici Indoor Creations Limited fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-d-dsatax (19) ta' Mejju 2005 fejn tablet lil konvenuti Roger Degaetano u martu Gillian Degaetano ghal kull interess li jista jkollha, sabiex ihallsuha s-somma ta' elfejn mija sebgha w tletin

lira maltin u sittax il-centezmu (LM2137.16) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u servizzi resi mis-socjeta attrici lil konvenuti u fuq struzzjonijiet taghhom stess.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Ittra Legali tal-erbatax (14) t'April 2005 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Roger u Gillian konjugi Degaetano ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hamsa (5) ta' Lulju 2005 fejn eccepew s-segwenti:-

*Illi fl-ewwel lok, il-merkanzija mibjugha u s-servizzi rezi mis-socjeta attrici m'humiex tal-kwalita pattwita. Infatti l-merkanzija in kwistjoni hi difettuza u ma tistax tintuza ghal skop li kienet intiza.*

*Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal premess, t-talba attrici hija ezagerata w infatti l-prezz miftiehem kien ferm inqas u mhux dak li qed titlob s-socjeta attrici.*

*Ghaldaqstant t-talbiet kollha tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta attrici.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

Semghet lil **Anna Nicolic** tixhed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2008 (fol. 49) fejn qalet li hi kienetgiet nominate bhala espert fil-hjata minn din il-Qorti diversament preseduta u hejjiet rapport flimkien mal-Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante fuq struzzjonijiet moghtija lilha b'digriet tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 2006. Qalet li sa fejn taf hi, huma ghamlu l-konkluzzjonijiet taghhom liema konkluzzjonijiet jinsabu fl-istess

relazzjoni. Hi kkonfermat r-relazzjoni esibita fl-atti a fol. 50 tal-atti.

Illi nhar t-tmienja (8) ta' Jannar 2009 xehed **Yves Muscat** (fol. 86) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Direttur mas-socjeta' attrici. Qal li lis-sinjuri Degaetano kien fil-passat ghamililhom diversi xogholijiet ukoll u sussegwentement regghu marru ghandu u kellhom zewgt ikmamar li xtaqu jarredaw bil-purtieri. Spjega li wahda kienet *main bedroom* u l-ohra kienet *lounge sitting room*. Qal li kien gie mitlub sabiex jaghmel zewg pari purtieri kull kamra konsistenti f'*sheers*, purtieri hoxnin kif ukoll *pelmet* addattati u dan ghal kull sett, jigifieri kien hemm erba' *pelmets*. Qal li kellu bzonn jaghmel *pelmet* wiehed f'kull kamra. Qal li Roger Degaetano kien mar effettivament il-hanut taghhom w ghazel id-drappijiet u sussegwentement hu kien mar fil-post taghhom u ha l-qisien, hareg *quotation* skond id-drappijiet maghzula minnhom, kif ukoll xi disinji ta' *pelmets* kif kellhom jigu.

Ix-xhud esebixxa kopja tad-*drawings* li l-Qorti qed timmarka bhala Dok. CSH. Spjega li dak tal-*main bedroom* huwa mmarkat bhala Dok. CSH fil-waqt li dak ghal *sitting room* huwa Dok. CSH 1. Qal li sussegwentement hu kien mar fuq il-post, ha l-qisien, kien hemm suggerimenti min-naha ta' Gillian Degaetano dwar it-tulijiet tal-purtieri tal-*main bedroom* u hu kien issuggerilha biex il-purtieri jsiru mkaxkra ma' l-art, pero Gillian Degaetano ma riedithomx hekk u xtaqithom imissu ma' l-art ezatt w ghamilhomlha hekk. Qal li ftehmu fuq il-prezz u x-xoghol sar u sussegwentement twahhlu r-*rails* kif ukoll il-purtieri. Qal li sa fejn jaf hu, kollox mar b'wicc il-gid pero' appena x-xoghol twahhal Roger Degaetano ma kienx kuntent bil-*gathering* li sar fil-purtieri. Qal li dan kollu kien dettaljat fil-*quotation* li kien ghaddielu. Esebixxa kopja ta' dan il-*quotation* bhala Dok. CSH 2.

Spjega li fil-*quotation* hemm indikat l-ammont ta' drapp li kellu jintuza.

Zied jghid li Roger Degaetano xtaq li jizdied l-gmieh tax-*sheers* tas-*sitting room* kif ukoll iddecieda li jzied t-tul tal-purtieri tal-*main bedroom* kif ukoll izid il-gmieh tal-purtieri tal-*main bedroom.* Qal li l-*additional works* kif mitluba minn Roger Degaetano effettivament saru u wara dawn l-*additional works* li semma ma kienx hemm domanda ghal xi *additional works* ohrajn jew ilmenti ohra. Spjega pero li gimgha wara li kienu saru dawn l-*additional work*s Roger Degeatano cempillu u qallu li cio nonostante huwa ma kienx kuntent bix-xoghol u semmhielu numru ta' difetti jew ahjar allegati difetti li kienu dejjem jizdiedu kull darba li hu kien jaghmel kuntatt ma Roger Degeatano.

Qal li effettivament hu kien bghatlu l-*invoice* Dok. CSH 3 li esibixxa pero baqa' ma thallasx u l-purtieri baqghu ghandhom. Ftakar li Roger Degaetano kien offra li jhallas xi kwart jew terz tal-kont li kien bghatlu *in full and final settlement* imma ix-xhud ma kienx accetta. Qal li c-*cheque* li kien baghatlu, kien bghatulu lura. Ix-xhud esebixxa d-Dok. CSH 4 u qal li dan id-dokument gie redatt minnu w ikkonferma l-kontenut tieghu bil-gurament.

Qal li hu ma kienx prezenti meta sar l-ewwel access u ttiehed il-kejl pero' fit-tieni access kienu prezenti kemm hu kif wkoll l-avukat tieghu. Qal li fit-tieni access l-esperta kienet indikatlu dak li fil-fehma taghha, kien difett fil-hjata. Qal li l-esperta kienet gibditlu l-attenzjoni tieghu li t-tulijiet ta' dawn il-purtieri effettivament kienu differenti. Qal li hu wkoll kien nnutthom, w ghalhekk qabel maghha w effettivament it-tulijiet vera kienu differenti. Qal pero li l-art ta' Roger Degaetano hija dislivell. Spjega li meta l-purtieri kienu miftuha kienu tajba u meta tigbidhom lejn naha wahda kienu jmissu

mal-art u jkaxkru w ghalhekk dan huwa ndikazzjoni li l-art hija dislivellata. Qal li l-esperta qalet li hija hadet il-kejl permezz ta’ *measuring tape* u din m’hijiex is-sistema’ t-tajba ghaliex is-sistema’ t-tajba kellha tkun li l-purtieri jitnehhew u jitpoggew ma’ genb xulxin biex jaraw ezattament x’inhi d-diskrepanza.

Qal li l-hjata tal-purtieri ssir bl-idejn w ghalhekk il-linja qatt ma tista’ tkun dritta. Rigward it-toqob li l-esperta qalet li jidher fid-drapp, ix-xhud spjega li din hija haga naturali li jirrizultaw fit-taffetta. Qal li t-taffetta hija *fabric stiff* hafna u ma tippermettix li jkun hemm xi moviment fiha. Qal li l-istess hajjata hadmet il-purtieri tal-*bedroom* kif ukoll tas-salott pero’ fil-purtieri tal-*bedroom* li ma kienitx taffeta, m’hemmx bzonn it-toqob u ma rrizultax li kien hemm. Qal li d-drapp in kwistjoni kien wiesa’ *sixty inches* 150cm u bil-gmieh huma jikkalkulaw id-doppju ta’ li sar tal-apertura tal-*waive*. Qal li Roger Degaetano xtaq iktar mid-doppju bhala gmieh u x’hin qabblu d-disinn, kellu *pattern repeat* ta’ 32cm u biex ikun hemm qbil, Roger Degaetano kellu juza aktar materjal. Qal li hu kien spjegalu dan u kien jirrizulta li effettivament Roger Degaetano kellu bzonn tmien tulijiet flok sitta. Qal li Roger Degaetano ddecieda li juzaw sitt tulijiet u ma jkunx hemm qbil fid-disinn. Qal li hu ma setghax jifhem ir-raba’ punt tal-esperta fis-sens fejn qalet hemm *puffing* fil-parti ta’ fuq tal-purtiera.

Spjega li dwar id-disinn tal-materjal li ntuza fil-*main bedroom,* effettivament id-drapp kien *damask selective design* u fil-fehma tieghu ma jinhtiegx illi jitqabbel id-disinn. Qal li peress li dawn il-*pleats* huma *handmade* ma jistghux ikunu identici u gieli jkun hemm diskrepanza ta’ xi 1cm. Qal li l-*pelmet* tal-*bedroom* huwa *postered* u jikkonsisti f’zewg partijiet, il-parti ta’ fuq li huwa njam miksi bil-*chrome* u sussegwentement miksi bid-drapp u l-parti t’isfel li jkun drapp biss fejn hemm il-*box pleat*.

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Marzu 2009 rega' xehed **Yves Muscat** (fol. 98) fejn esibixxa l-*quotations* originali li kien ipprometta li jesibixxi fis-seduta precedenti, liema dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dok. YM u li ggib in-numru 1364 u 1365, liema kopji tal-original jinsabu fil-ktieb. Ix-xhud ipprometta li jesibixxi l-*ledger* originali fis-seduta li jmiss. Meta gie muri d-dokument a fol 92, u gie mistoqsi jispjega liema *items* jirrappresentaw xoghlijiet u mhux materjal, wiegeb li l-*invoice* hija maqsuma fi tnejn, l-ewwel parti u cioe l-ewwel ghaxar *items* huma tal-materjal u l-ahhar erbgha *items* huma tal-*production* tax-xoghol rikjest. Qal li fir-rigwrd dak li jidher a fol 93, il-format huwa l-istess. Qal li l-ewwel tnax l-*item* huwa materjal u l-ahhar parti hija *installation* u *production*.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2009 xehdet **Gillian Degaetano** (fol. 104) fejn qalet li fis-sajf tas-sena 2004 kienu bbukkjaw 'l hajjata taghhom certa Marika Di Stefano sabiex taghmlilhom numru ta' purtieri ghad-dar taghhom bl-ghan li jkunu lesti sal-Milied ta' dik is-sena. Qalet li din il-hajjata kienet qaltilhom wkoll li setghet taghmel dan l-inkarigu basta jkollha l-materjal f'idejha sa nofs ix-xahar ta' Novembru 2004. Qalet li daru biex jaraw x'materjal kellhom jaghzlu u spiccaw ghazlu dak li kellha s-socjeta' attrici.

Cahdet dak li kien qal l-attur Yves Muscat li huma kienu nkarigawh biex jaghmel xi hjata ghalhom ghalkemm huwa minnu li kienu ghazlu xi materjal minghandu f'okkazzjonijiet precedenti. Qalet li fl-erbgha (4) t'Ottubru 2004, kienu marru ghandu w ghamlu konferma ta' materjal u effettivament iffirmaw dokument li esebiet bhala Dok. 'Z'. Qalet li fuq dan id-dokument hemm il-firma ta' zewgha Roger Degaetano.

Qalet li huma kienu ftehmu ghall-prezz ta' sitt mitt lira maltin dakinhar u ftehmu wkoll li huwa kien se

jaghmel *delivery* ta' dan il-materjal li ghazlu bejn erba' u hames gimghat w ghalhekk b'hekk il-materjal kien se jasal fil-hin stipulat mill-hajjata taghhom.

Qalet li l-ammont indikat f'dan l-*order form* kien hemm ukoll involut il-materjal zejjed li kellhom jixtru maghruf bhala *repeat design* minhabba l-istil tal-purtieri li kienu se jaghmlu u dan sabiex ikun jista' jgongi d-disinn sabiex id-disinn ikun wiehed uniformi. Nonostante l-ordni li ghamlu, kompliet tghid x-xhud, f'Ottubru 2004, il-materjal ma wasalx fiz-zmien stipulat, izda wasal Novembru u din Marika cemplitilhom u qaltilhiom peress li kien u ghadhom ma hadux il-materjal, li ma kienitx disposta li taghmel dawn il-purtieri sal-Milied. Ghalhekk kompliet tghid x-xhud, huma marru jkellmu lil Yves Muscat u qalulu dak li qaltilhom l-hajjata taghhom u Yves Muscat kien qalilhom biex ma jinkwetaw xejn ghax huwa kien dispost isellifhom l-hajjata tieghu u b'hekk il-purtieri jkunu lesti sal-Milied. Qalet li huma nfurmawh li z-zmien kien wiehed qasir fis-sens li kien ghad fadal bejn wiehed u iehor biss xahar ghal Milied w ghalhekk kienu jafu li hu kien qed jitghabba b'responsabilta' kbira.

Qalet li effettivament marret il-hanut tieghu, haditlu stampa ta' kif xtaqet li l-purtieri jkunu u cioe' kif kienet il-*pelmet* liema ritratt esebiet bhala Dok. 'X'. Qalet li dan kien wiehed mill-purtieri d-disinn tieghu u sussegwentement ghad-disinn tal-purtiera l-ohra kien se jaghmlilhom forma ta' *rouching* biex b'hekk il-*pelmet* ikun qisu *pleated*. Qalet li 'n segwitu dan Yves Muscat kien mar jiehu disinn id-dar taghhom u wara xi gimghatejn rega' mar sabiex jikkjarifika l-qisien li kien ha minn qabel.

Spjegat li d-dokument esebit fl-atti mmarkat bhala Dok. CSH 9 kellha tirraprezenta l-istampa li hi esebiet bhala Dok. 'X'. Ikkonfermat li pero' hi d-

Dok. CSH qatt ma kienet ratu qabel. Qalet li r-*rouching* kellu jkun bhal Dok. CSH 1 pero' effettivament hi din l-istampa qatt ma ratha qabel ma giet esebita 'l Qorti.

Kompliet tghid li f'Dicembru qalilhom li effettivament il-materjal li kienu ghazlu huma kien wasal u cioe' gimgha qabel il-Milied w ghalhekk regghu marru l-hanut w ghamlu ftehim iehor mieghu u din id-darba biex jinkludu wkoll il-*labour cost*. Qalet li dan il-ftehim taghhom huwa dak esebit bhala Dok. 'Y' u li fil-fatt l-ammont tela' ghal elf tliet mija u ghoxrin u dan skond dokument li esebiet bhala Dok. 'Y'. Qalet li dan jinkludi wkoll is-sitt mitt lira li kienu ftehmu fl-erbgha t'Ottubru.

Qalet li d-dokumenti li ffirmaw huma dawk li li hi esebiet kopja taghhom u ghalhekk is-somma li hu qed jitlob fl-avviz ta' LM2137.16, ghaliha hija allarmanti u ma tafx minn fejn wasal ghaliha.

Qalet li l-attur kellu jaghmel zewg parti purtieri, zewg *pelmets* u par *sheers* u dan kuntrarju ghal li qal li effettivament kellu jaghmel erba' *pelmets*.

Qalet li qabel il-Milied huma kienu cemplulu u qalulu li xtaqu jkollhom dawn il-purtieri u hu qalilhom li lahaqx lestiehom peress li kien ha lit-tifel tieghu l-isptar u huma qalulu li minhabba c-cirkostanzi, biex ma jinkwieta xejn peress li effettivament rieduhom ghas-sebgha ta' Jannar meta kellu jkollhom festin id-dar u dak il-hin huwa accetta li l-purtieri kienu se jkunu lesti ghal dan il-festin, pero' sussegwentement ghadda l-Milied, ghaddiet l-ewwel tas-sena, regghu cemplulu u qalilhom li l-hajjata kienet tilfet lil missierha. Qalet li tlett ijiem qabel il-festin, regghu cemplulu u qalilhom li fl-istess gimgha mietet omm il-hajjata. Qalet li ghalkemm qatghu qalbhom, cemplu fis-sitta ta' Jannar u qalilhom li l-ghada s-sebgha ta' Jannar, jum il-festin kien se jgibilhom l-purtieri fis-sebgha ta' filghodu.

Qalet li dakinhar gew koppja, ragel u mara bil-purtieri mgezwra u f'idejhom kellhom ukoll *pelmet*. Qalet li meta ratu diehel bil-*pelmet* qaltlu biex jieqaf hemm ghaliex il-*pelmet* ma kinitx dik li ordnat hi. Qalet li qalulhom wkoll li l-attur Yves Muscat kien gej bil-karozza tieghu fi ftit minuti w ghalhekk xtaqu jistennewh u meta wasal Yves Muscat hi qaltlu li dan ma kienx il-*pelmet* li kienet ghazlet hi. Qalet li qalilha li fil-fatt ma kellhux cans biex jaghmel il-*pleats* u li kien lest li jaghmel il-*pleats* fi stadju ulterjuri u li dawn kienu se jitwahhlu bil-*velcro* u li hi ma kienetx se tinduna bid-differenza. Qalet li hu telaq minn hemm u halla lill-koppja ddendel il-purtieri. Qalet li effettivament kellhom ukoll iwahhlu r-*rails*. Qalet li hu kien qed ighid li l-art ma kienitx dritta w ghalhekk dan messu hadu 'n konsiderazzjoni hu meta mar u ha l-qisien tar-*rails* ghalkemm skond hi, l-art taghhom hija dritta. Qalet li malli wahhlu dawn il-purtieri, hi ndunat li kienu qosra u bdiet twaqqaf lin-nies li kienu qed idendluhom u qaltilhom biex jaghmluhom fuq ringiela iktar gholja biex il-purtieri jidhru itwal. Qalet li dik is-sinjorina li kienet qed iddendel il-purtieri qaltilha li ma kienx possibli ghaliex huma kienu qeghdin juzaw l-ahhar ringiela tal-*hooks*. Qalet li dehrilha li l-purtieri ma kienux tajbin ghax f'kaz li jkun hemm xi *shrinkage* una volta johodhom ghand *dry cleaning* u hekk dawn il-purtieri kienu ha jidhru qosra. Qalet li dawn il-purtieri li ddendlu ma kienux livellati fis-sens li kien hemm certu punti fejn imissu mal-art u punti ohrajn fejn kienu ghola mill-art. Qalet li d-disinn tac-crieki li kien hemm meta kien konness ma kienx igongi izda kienu separati w ghalhekk ma kienx hemm cirku shih fejn kien hemm l-*overlapping*. Qalet li huma kienu hallsu *extra* fid-drapp meta kienu ghamlu l-ordni sabiex ma jkunx hemm dan it-tip ta' dislivell fid-disinn. Qalet li meta l-purtieri twahhlu, kien hemm it-toqob mall-gnub ta' dawn il-purtieri. Qalet li dak l-hin hasbet li setghu kienu l-haddiema li qattghuhom meta kienu

qed jitwahhlu u huma ppanikjaw u cemplu lil Yves u qalulu biex imur dak il-hin stess w ghalhekk ssorprendiet ruhha meta fl-affidavit tieghu Yves Muscat qal li kollox mar b'wicc il-gid. Qalet li stenniet lil Yves Muscat biex jivverifika dak li kienet qed tilmenta minnu meta bdew iwahhlu l-purtieri l-bojod. Qalet li dawn il-purtieri ghalkemm kienu tliet pulzieri 'l fuq mill-art, kellhom difett lampanti iehor u cioe' li peress li dawn kienu piu' o meno trasparenti jew *translucent* fis-sens li tista' tara d-dawl minnhom, fejn kien hemm il-keffa u din kienet imrikkba, din ma kinitx imrikkba unilateralment. Qalet li l-*pelmet* ma kienx dak ordnat minnhom, u li dawn kienu catti u ma kinux migmuha sew. Qalet ukoll li kienu gew imdendla fuq l-ahhar *hook* w ghalhekk l-istess, meta bdiet tghid li hemm dislivell fihom. Qalet li dawn il-purtieri ma kinux jiswew ghaliha, kienu *total loss* ghax ma setghetx ittawwal il-keffa peress li l-keffa ma kinitx unilaterali u kienu mdendlin fuq l-ahhar *hook*.

Qalet li meta effettivament wasal Yves Muscat akkompanjatu fil-kmamar biex turih il-purtieri li kienu mdendlin. Qalet li x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti. Qalet li mbaghad urietu d-differenza mal-purtieri l-ohrajn li kellha mdendlin fis-sens li l-keffa kienet imrikkba pulita u ma tarax punt wiehed. Qalet li hu qalilha li biex izommu l-purtieri ghal dakinhar peress li kien hemm il-festa u qalilha li hemm bzonn jaghmel u kien lest li jmur jigborhom l-ghada u jekk hemm bzonn anke jerga' jaghmilhomlha mill-gdid. Qalet li hi qaltlu li ma kienetx kuntenta bihom u li xtaqet li jkollha purtieri godda peress li l-prezz li kienet qed thallas kien wiehed gholi. Qalet li ftehmu li jgibu zewg *lengths* ohrajn fil-purtieri l-bojod u skond il-*quotation* li kien taha, kellha thallas xi differenza ta' xi mitt lira. Qalet li kien mar l-ghada kif kien weghdha, gabar il-purtieri u minn dakinhar 'il quddiem ma semghet xejn aktar minghandu.

Qalet li ghaddew tlett xhur, nofs Marzu, cemplilhom, mar bihom u dan nonostante regghu qalulu li ma kienux kuntenti bihom.  Qalet li fil-fatt il-par li kienu homor, kienu l-istess par, kienu mdendlin fuq l-istess *hook* u dannu konsistenti f'toqob fix-xifer taghhom kien ghadu hemm.  Qalet li kien hemm tizrit fil-gnub meta tqabbad mal-*lining*.  Qalet li l-*pelmet* giet imqabbda permezz tal-*velcro* kif kien qalilhom u m'ghogbithom xejn. Qalet li l-purtieri l-bojod gew ikaxkru ma' l-art. Qalet li zewgha Roger kien qalilha li ma kienx kuntent u Yves Muscaat kien qallu '*that this is the best that he could do*' u telaq.

Qalet li kienu qalulu li ma kienux kuntenti u riedu jsibu soluzzjoni u fl-erbatax t'April hu kien baghtilhom ittra mill-avukat tieghu Dottor Carlo Bisazza jikklejmja l-ammont ta' 2,137.16 kif hemm imsemmi fl-avviz.  Esebiet kopja ta' din l-ittra bhala Dok. 'S' u ziedet tghid li hemm 817.16 bhala differenza ma' dak li kienu ftehmu.  Qalet li jumejn wara r-ragel taghha kien qed jikteb lil Dottor Bisazza biex ighidlu fuq il-problemi li kienu rriskontraw u qallu sabiex jikkonkludu li huma kienu lesti sabiex inzommu l-purtieri l-bojod u lesti li johdulu l-purtieri l-homor lura fl-ufficju tieghu peress li dawk ma kinux accettabli ghalihom.

Qalet li in segwitu kien hemm skabjar ta divrsi ittri minn naha taghhom u minn naha tal-konvenut u l-istorja spiccat billi l-attur qalilhom  li kien ser jiftah kawza civili.  Qalet li qalilhom wkoll li kien se jiftah kawza. Qalet li mad-Dok. 'R' hemm ukoll annes kopja tac-*cheque* in kwistjoni li kien gie rifjutat.

Qalet li effettivament in segwitu nfethet il-kawza relattiva u meta kienet marret l-espert tal-Qorti rat difetti ohrajn f'dawn il-purtieri.  Qalet li rrizulta wkoll li wara l-*pelmet* kien hemm ukoll gonta f'dawn l-istess purtieri li huma ma kienux indunaw bihom w ghalhekk illum il-gurnata lanqas il-bojod ma riedu.

Mistoqsija mill-Qorti jekk effettivament ic-*cheque* zammux wiegbet li le, dan irritornah u naturalment in segwitu gie kancellat.

Qalet li huma kienu ser jaghmlu *out of court settlement* pero' ma waslux. Qalet li l-proposta taghhom kienet saret pendenti l-proceduri w ghalhekk kien gie esebit ir-rapport.

Stqarret li l-purtieri damu mdendlin peress li huma kienu kitbu lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici sabiex jaghtihom hin u data meta kien se imur jigbor il-purtieri u qatt ma mar u l-avukat taghhom qalilhom biex ihalluhom imdendlin biex juruhom 'il Qorti.

Qalet li l-purtieri m'humiex depozitati l-Qorti, ghadhom fil-pussess taghhom go kaxxa gol-*basement*. Qalet li kienu disposti li jaghtu l-purtieri lura minnufih kif hemm miktub fl-ittra li esebiet pero' s-socjeta' attrici qatt ma kienet marret tigbor il-purtieri.

Mistoqsija ghaliex hi kienet bi hsiebha tospita lill-mistidnin taghha fil-kamra tal-*bedroom* u fis-*cinema room* fejn effettivament kellhom jitwahhlu dawn il-purtieri, wiegbet illi d-dar kienet wahda gdida u veru li hija wahda kbira u kienu ghadhom kif dahlu go fiha u l-hsieb taghha kien li peress li l-*party* kien *housewarming* min staqsiha biex jara d-dar, hi kienet lesta li ddawwarhom id-dar kollha. Qalet li l-purtieri kienu se jsebbhu d-dar kif ukoll biex isahhnu d-dar.

Illi nhar s-sitta (6) t'Ottubru 2009 regghet xehdet **Gillian Degaetano** (fol. 124) fejn qalet li sussegwentement u cioe fil-mori tal-kawza wara li kienet marret l-espert tal-Qorti u rat l-istat tal-purtieri, huma kienu gew avvicinati ghal darb'ohra sabiex jghamlu *out of court settlement*. Qalet li peress li kienu mxew mhux hazin fil-kawza, ma

dehriliex li kellhom jaghmlu transazzjoni. Qalet li llum il-gurnata wara li baghtet l-istess purtieri ghal *dry cleaning*, jinsabu mahzuna ghandha b'mod professjonali. Qalet li minn ezami tad-Dok. Q, esibit fl-atti a fol 119, huma kienu talbu lis-socjeta attrici sabiex jehdulhom l-puriteri u dan skond d-Dok. T a fol 116, liema offerta kienet ghadha tghodd sa dakinhar. Qalet li hi lesta li taghtihom l-purtieri lura. Qalet li nonostante li Dottor Carlo Bisazza kien qalilha li ma rax din l-ittra, hi kellha kopja tal-*acknowledgement* taghha peress li kien ghamlilha referenza ghaliha, d-Dok. Q a fol 119.

Illi nhar s-sitta (6) t'Ottubru 2009 xehed **Roger Degaetano** (fol. 126) fejn qal li hu kien presenti waqt li martu kienet qed tixhed nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2009 liema xhieda tinsab a fol 104 et seq tal-atti, w ikkonferma x-xhieda li tat martu dakinhar. Qal li dawn il-purtieri jinsabu mizmuma ghandu go kaxxa. Qal li offra kemm il-darba lil attur sabiex jehodhom lura dawn il-purtieri u dakinhar stess rega' offriehlu jehodhom lura wkoll. Qal li huma qalghu l-istess puriteri wara li kienet marret l-esperta mahtura mill-Qorti. Zied jghid li hafna difetti fizici kienu jidhru fic-car u ma tridx tkun espert biex tarahom.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru 2009, l-Qorti kif preseduta zammet access fil-fond in kwistjoni fejn setghet tikkonstata di viso il-purtieri l-homor kienu mdendla minghajr l-fodera taghhom peress li kienu gew mibghuta l-luandry hekk kif stqarret l-konvenuta. Illi di viso kienu jidhru diversi toqob tal-hjata fil-gnub tal-purtieri u li dawn kienu mwahhla fuq l-ahhar parti li tippermetti l-istess purtiera. Illi gie nnutat li t-tul tal-purtieri ma kienx livell. Illi gie stabbilit li ma kienx l-attur li dendel l-purtieri dakinhar. Il-Qorti setghet tara li r-rail in kwistjoni baqa kif kien twahhal mill-attur.

Dwar il-par l-iehor ta' purtieri l-*beige*, gie stabbilit li l-*pleats* taghhom ma kienx uniformi u li kien hemm varjanza fil-*pleats* ta' ftit millimetri salv ghal zewg *pleats* li kellhom varjanza ta' centimetri w nofs. Gie nnutat wkoll li fejn kien hemm gonta fid-drapp, peress li l-purtieri kienu wesghin hafna, ma kienx hemm uniformita fid-disinn u dawn il-*pelmets* kienu jinsabu maqtugha f'zewg bicciet.

Illi nhar d-dsatax (19) ta' Novembru 2009, l-konvenuti ppresentaw affidavit ta' AIC Sapienza (fol. 132 et seq) u Dottor Carlo Bizazza rrizerva li jipprovdi dwar l-ammissibilita tieghu.
Illi minn ezami ta' dan l-affidavit jirrizulta li minn ezami mizmum mill-perit AIC Joseph Sapienza jirizulta li l-art tal-kamra salott fejn kien hemm it-*television* hi perfettament catta u livell. Jghid li l-art giet ezaminata permezz t'invell twil ta' sittin centimentru.

Illi nhar it-tlettax (13) ta' Jannar 2010 l-atturi pprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (fol. 133).

Illi nhar t-tnax (12) ta' Frar 2010 l-konvenuti ppresentaw in-nota responsiva taghhhom (fol. 141).

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob li jithallas tal-merkanzija li huwa biegh u kkonsenja lill-konvenuti kif ukoll sabiex jithallas ghas-servizzi minnu moghtija in konnessjoni ma ordni ta zewg pari purtieri.

Il-konvenuti pero qed jirrifjutaw li jhallsu ghaliex fil-fehma taghhom, il-purtieri ma kienux skond il-kwalita patwita u li l-merkanzija konsenjata hija difettuza u ma tistax tintuza ghall-iskop li kienet intiza.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq kwistjoni teknika u coie jekk il-hjata taz-zewg pari purtieri li ordnaw il-konvenuti minghand l-atturi kienitx skond is-sengha u l-arti u kien ghalhekk li din il-Qorti diversament preseduta kienet tal-fehma li kellha tinnomina espert tekniku – hajjat sabiex ighinha fil-gudizzju taghha.

Illi 'n effetti, dik il-Qorti kienet innominat lil Anna Nicolich u dan bid-digriet fuq imsemmi u bl-assistenza tal-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante.

Illi dawn l-esperti kienu pprezentaw ir-relazzjoni taghhom u minn ezami tal-istess jirrizulta li kien hemm numru ta' fatturi kif hemm elenkatai li jindikaw li l-hjata ma saritx skond is-sengha u l-arti u b'hekk il-purtieri kienu difettusi.

Illi huwa minnu kif intqal fis-sentenza "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg"** **(**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**)** li**:-**

**"***Huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu li jinghad, li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12***, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax taghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami."*(*"***Philip Grima vs Carmleo Mamo –** A.C 29 ta' Mejju 1998; **Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **John Saliba vs Joseph Farugia** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenza huma bbazati ukoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390) fejn intqal li:-

"*Ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistghax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanziirragonevoli*."

Issa f'dan il-kaz il-Qorti zammet access u dan sabiex hija tara *icto oculi* dawn il-purtieri mertu tal-kawza.

Ma hemmx dubbju li dawn il-purtieri kienu kostuzi w ghalhekk kellhom ikunu ta' kwalita tajba, minghajr difetti. Illi l-Qorti nnotat li dak li qalu l-esperti teknici fir-relazzjoni taghhom, huwa veritier w ghalhekk ghandu jigi accettat.

Illi l-**Artikolu 1037 tal-kap 16** jipprovdi li:-

"*Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.*"

Filwaqt li l-**Artikolu 1038** jipprovdi li:-

"*Kull min minghajr ma jkollu l-hila mehtiega jindahal ghal lxoghol jew servizz, hu obbligat ghall-hsara li, minhabba n-nuqqas ta' hila tieghu, jikkaguna lil haddiehor.*"

Issa f'dan il-kaz dak hu proprju li gara li l-attur qabbad hajjata li ma kienitx tas-sengha tant li ghamlet dawk l-izbalji kollha kif indikati mill-esperti teknici.

Skond **l-Art.1424 tal-Kap. 16:-**

**"***Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha li jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom".*

Jekk ix-xerrej ikun tal-fehma u jkun f'qaghda li jipprova li l-kaz tieghu jinkwadra ruhu f'dak li jipprovdi l-artikolu 1424, allura ghandu l-ghazla ta' zewg rimedji alternattivi ghal xulxin li jinsabu nkorporati fl-**Art.1427 tal- Kap.16** – jew igib 'il quddiem l-*actio redhibitoria* fejn *jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz*, inkella l-*actio aestimatoria* fejn *izomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti.* Fil-kaz in esami l-ghazla tal-attur marret ghall-*actio redhibitoria*.

Fil-kawza riportata fil-**Vol.XXIV.I.981** jinghad hekk:-

"*Perche' i vizii siano redibitori e quindi produttivi dell'analoga azione, e' necessario che tali vizii siano di una certa gravita' la cui misura e' determinata dalla legge su due criteri, l'unico obiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all'uso e' destinata, oppure nella diminuzione di tale uso ; l'altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o al meno l'avrebbe acquistata a prezzo minore.* (Vide wkoll kawzi riportati **Vol. XVIII.III.26; XXI.I.116 u 399; XXII.II.75 ; XXVII.I.909; XXVIII.II.1254;**

> **XXIX.I.591; XXXI.I.538; XXXIII.II.371; XXXII.I.19 u 163; XLII.II.855 u XLIII.I.317 u 545**).
>
> F'dan il-kaz jirrizulta bla dubbju ta' xejn, li l-puriteri ma kienux skond il-kwalita patwita w ghalhekk il-konvenut kellu kull dritt jesercita l-azzjoni redhibitorja u ma jaccettax il-purtieri u b'hekk ma jghamilx il-pagament dovut.
>
> Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tichad it-talba attrici ghall-hlas b'dan li tipprefiggi terminu ta' gimghatejn sabiex l-istess socjeta attrici tigbor il-purtieri proprjeta taghha li l-konvenuti ghandhom fil-pusess taghhom.
>
> L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta attrici.**"**

Is-socjeta` attrici tilmenta minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:-

1. Il-konstatazzjonijiet teknici kienu inkonklussivi u, f'waqtiet, kontradittorji;

2. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament procedurali u legali erroneju;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tibda biex tinvesti t-tieni aggravju. Skond is-socjeta` attrici appellanti l-erronjeta guridika tinsab f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti rrilevat illi l-purtieri ma kienux tal-kwalita pattwita u ghalhekk il-konvenuti kellhom kull dritt jezercitaw l-azzjoni redibitorja u ma jaccettawx il-purtieri u ma jaghmlux il-hlas reklamat;

Kif sewwa ragonat mis-socjeta` appellanti din il-konkluzjoni legali hi tabilhaqq bazata fuq kuncett zbaljat u attitudni errata tal-principji tad-dritt in materja. Accettat

ghall-mument illi l-meritu kien jitratta minn semplici bejgh, tajjeb li jigi mfakkar b'ripetizzjoni illi "l-vizzju rebiditorju u t-teorija relattiva ma humiex applikabbli meta l-kwestjoni tkun qeghda taggira ruhha fuq il-kwalita tal-haga mibjugha". Ara "**Carmelo Xuereb -vs- Nazzareno Azzopardi**", Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1943. F'kull kaz, imbaghad, proceduralment id-difett redibitorju ma setax jitqajjem *per via* ta' eccezzjoni izda permezz ta' azzjoni. Ara "**Vincenzo Cilia La Corte -vs- Carmelo Galea**", Appell Kummercjali, 12 ta' Frar, 1908;

Dan, apparti, fuq il-fatti ottenibbli mill-process, l-istanza ma kellhiex tkun inkwadrata fl-istitut tal-vendita daqs kemm dak ta' l-appalt jew tal-*locatio operis*. uwa pacifiku illi l-kuntratt ta' opra jiddifferenzja ruhu minn dak ta' bejgh ta' haga minhabba l-prevalenza f'ta' l-ewwel ta' l-obbligazzjoni '*di facere*' fuq dik '*di dare*'. Jigifieri l-element karatterizzanti ta' l-ewwel hi l-attivita` adoperata biex issir il-haga, mentri fil-kompravendita hu l-oggett innifsu. Tezisti l-ewwel ipotesi meta l-oggett jigi konfezzjonat jew prodott in konsegwenza ta' kuntratt specifiku; *ad exemplum*, il-hajjat li jaghmel libsa skond l-ordni tal-klijent". Ara "**International Tentage Textiles Industries Ltd -vs- Andreas Gerdes**", Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005. Ara wkoll ghall-approfondiment tad-distinzjoni bejn l-istitut wiehed u l-iehor is-sentenza in re: "**Casa D'Arte Limited -vs- Charles Bristow et**", Appell Inferjuri, 18 ta' Ottubru, 2006;

Hekk issokta jigi amplifikat, dejjem minn din l-istess Qorti, illi "meta tinsorgi kontroversja dwar il-klassifikazzjoni guridika tal-ftehim bejn il-partijiet, il-gudikant ghandu jkun gwidat minn dawn il-fatturi, u cjoe: (i) is-sostanzjalita` tal-ftehim; (ii) il-prevalenza ta' l-elementi kostitutivi tieghu fil-fattispeci, ossija jekk ghandux aktar ingredjenti fih, tipici ta' dawk *di fare* jew *di dare.* Koncettwalment, ezercizzju bhal dan jimporta konsiderazzjoni u azzjoni oggettiva ta' l-elementi tal-ftehim aktar milli wiehed ihares lejn dik li setghet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti, kif hekk kien gie ravvizzat fis-sentenza fl-ismijiet "**Negte George Camilleri**

***nomine* -vs- Joseph Mamo *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 28 ta’ Awissu 1951.” Ara “**C. Fino & Sons Ltd -vs- Mario Gacui et**”, u “**Aplan Ltd -vs- Emmanuel Bajjada**”, it-tnejn decizi minn din il-Qorti fit-13 ta’ Gunju, 2007 u 27 ta’ Novembru, 2009 rispettivament;

Ir-rizultanzi istruttorji jaghtu ragun lil din il-Qorti li taghmel id-distinzjoni u li tqis l-ftehim bhala li ghandu aktar mill-karetteristici *di fare* (il-purtieri) milli semplicement *di dare* (id-drapp). F’dan, il-Qorti ghandha s-suffragju tal-konstatazzjonijiet relatati mill-espert tekniku u li fuqhom is-socjeta` attrici ssoffermat bi kritika fl-ewwel gravam taghha lil din il-Qorti. Raggunta din il-konkluzjoni d-depozitu, o meno, tal-purtieri, konsiljabbli fil-kaz ta’ vendita, ma ticcentra xejn gjaladarba hawn si tratta ta’ kwestjoni koinvolgenti materja skond is-sengha u l-arti;

Issa l-espert tekniku nominata mill-ewwel Qorti fformat l-opinjoni illi ghal dik li hi l-hjata tal-purtieri u ta’ l-installazzjoni taghhom mis-socjeta` attrici kien hemm:

A. <u>kwantu ghall-purtieri Bordeaux</u>

*(i) wrong length on both sides and left side being shorter than right side;*

*(ii) damages to the edge of the material;*

*(iii) design was not matched when the material was joined*

*(iv) the curtains were hung up badly which resulted in puffing of the same material that indicates a further mistake in the length of said curtains;*

B. <u>kwantu ghall-purtieri Damask Beige</u>:

*(i) lack of matching in the design of the material;*

*(ii) different measurements in the width of the pleats, of the frills of the pelmet;*

Is-socjeta` appellanti ma taqbelx ma’ dawn il-konkluzjonijiet u tissottometti illi:-

(1) Il-metodu adoperat mill-espert ma kienx idoneju u, dippju, il-konvenuti ma kienux ressqu ilmenti dwar it-tul tal-purtieri;

(2) Il-hsara ma hi xejn hlief il-marki tal-labar kull darba illi l-materjal tat-tip taffeta jigi "*punctured*" bil-hjata;

(3) Il-"*mismatch*" sar bi ftehim mal-konvenuti minhabba li kieku l-materjal kellu jkun kontinwu fil-*pattern* tieghu, l-ispiza kienet tkun akbar minhabba l-uzu aktar ta' drappijiet;

(4) Ma hemmx qbil li l-"*puffing*" sehh minhabba zball fit-tul tal-purtieri u f'dan il-kuntest l-apprezzament ta' l-espert tekniku hu zbaljat;

(5) Dwar il-Punt (ii) fil-kaz tal-purtieri Damask Beige l-lanjanza tal-konvenuti hi sproporzjonata ghall-ahhar. Barra minn hekk l-espert ma specifikatx kemm verament mill-*pleats* ma kienux uniformi;

Oltre dan, is-socjeta` appellanti tissottometti wkoll illi l-versjonijiet diversi tal-konvenuti kienu jvarjaw mill-verifiki peritali u minn dak osservat waqt l-access tenut mill-ewwel Qorti. Tillanja wkoll illi ma setghetx issir l-eskussjoni ta' l-espert ghaliex, nonostante diversi tentattivi baqghet ma gietx notifikata u, ukoll, ma setghetx tressaq talba biex jigu mahtura periti addizzjonali ghaliex il-Qorti hi sprovvista minn lista ta' tali esperti teknici f'dan il-kamp;

In succint, b'dawk is-sottomissjonijiet taghha s-socjeta` appellanti donnha trid tikkonvinci illi x-xoghol tal-hjata tal-purtieri kien, ghaliha, konformi ghad-dettami ta' l-arti u tas-sengha teknika tajba in kwantu, fuq il-fehma taghha, ma kienx hemm il-vizzji fil-lavorazzjoni riskontrati mill-espert, ossija li l-accertamenti maghmula ma kienux idoneji;

Innegabilment, anke skond l-ipotesi tal-ligi, ex-Artikolu 681 tal-Kodici ritwali, il-Qorti adita mill-mertu mhix vinkolata bid-deduzzjonijiet ta' l-espert, lanqas fuq il-bazi tal-verifiki teknici, billi hu moghti lilha, fl-awtonomija taghha, li tigbed il-konkluzjonijiet logici u guridici fuq il-bazi tal-materjal probatorju akkwizit. Di fatti, kif inhu rikonoxxut, il-gudikant jista' liberalment jifformula motivazzjonijiet proprji bazati fuq il-valutazzjoni tal-provi processwali anke kuntrarji ghal dawk tal-konsulent tekniku taghha. Fil-kaz prezenti, l-ewwel Qorti rrikonoxxiet bhala konvincenti ghaliha l-oggett tal-prova kostitwita bil-perizja u ghaddiet biex uniformat ruhha maghha;

F'kazijiet ta' din ix-xorta, fejn Qorti jkollha tirrikorri ghall-awzilju ta' espert ghall-iskop li jkollha konoxxenza teknikament determinata u approfondita, jkollu jigi rikonoxxut illi hu kemmxejn difficli illi l-Qorti taccetta d-deduzzjonijiet kontrarji ta' xi parti fil-kontestazzjoni tal-perizja, *qua* fonti oggettiva ta' prova. *Multo magis*, imbaghad, fejn ma jkollhiex mhux biss l-esperjenza teknika proprja izda lanqas il-konfort ta' prova teknika diversa li gravament tqieghed fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami. Ara "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell Superjuri, 29 ta' Mejju, 1998;

Fl-ahhar mill-ahhar dak li jghodd bhala gwida ghall-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi hi l-forza perswasiva u konvincenti tal-motivazzjoni tar-rapport tal-perit tekniku, avolja ma jistax jigi eskluz certu ammont ta' kriterju soggettiv fil-perizja;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konstatazzjonijiet maghmula fil-perizja ma tistax ma tqishomx importanti, tant ghaliex tkun prezuntuza li tiddissenti facilment minnhom, tant ghaliex ukoll, del resto, kulhadd jaf il-qawwa ta' l-osservazzjoni ta' esperta tas-sess femminili, trattandosi ta' haga konnessa ma' hjata. Ikollu jinghad illi l-affermazzjonijiet tas-socjeta`

appellanti ma jibbastawx lanqas biex iqeghdu fid-dubbju l-elementi obbjettivi akkwiziti mill-espert. Dan mhux sempliciment ghaliex ma ssibx deficjenzi fir-rigward tal-valutazzjoni teknika adottata izda wkoll ghaliex, anke minn dak sottomess lilha bhala kritika mis-socjeta` appellanti, ma tirriskontra ebda gustifikazzjoni biex hekk taghmel meta hu daqstant desumibbli minn din l-istess kritika illi d-deduzzjonijiet kuntrarji aktar ‘il fuq riportati, ma humiex konfermati minn opinjoni teknika kuntrarja. Haga din li setghet facilment tigi ottenuta li kieku s-socjeta` appellanti pprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija mil-ligi ghan-nomina ta’ periti addizzjonali. Ghalkemm il-Qorti tirrikonoxxi d-diffikolta li kellha s-socjeta` appellanti biex tikkonduci l-eskussjoni ta’ l-esperta, mhix skuzanti illi ma optatx ghal talba ghall-periti perizjuri ghaliex ma tezisti ebda lista ta’ esperti teknici f’dak il-qasam;

Frankament, apparti li l-provi attrici ma jwasslu ghall-ebda certezza fil-Qorti, il-kritika tal-perizja ma tistax, fic-cirkostanzi, teghleb il-konkluzjonijiet ta’ l-esperta, ukoll hawn *supra* riprodotti, accettati mill-ewwel Qorti. Apparti dak diga rilevat in mertu ghall-konsiderazzjoni legali u processwali, mhux il-kaz li din il-Qorti tallontana ruhha mill-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, in bazi ghal konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti qeghda tirrespingi l-aggravju fil-mertu u tikkonferma s-sentenza appellata. Iz-zmien ta’ gimghatejn prefiss mill-ewwel Qorti biex is-socjeta` attrici tirtira l-purtieri proprjeta` taghha minghand il-konvenuti jibdew jghaddu mil-lum. L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------